

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2019 — Hércules Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-134/17) (l)

[Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati ma' proċedura ta' stħarriġ tal-ghajjnuna mill-Istat — Rifjut ta' aċċess — Lis pendens — Eċċeżżjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu — Eċċeżżjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terzi — Obbligu li ssir eżaminazzjoni konkreta u individwali — Interess pubbliku superjuri”]

(2019/C 122/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Hércules Club de Fútbol, SAD (Alicante, Spanja) (rappreżentanti: S. Rating u Y. Martínez Mata, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz, G. Luengo u P. Němečková, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni finali C(2017) 736 tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Frar 2017, li tirrifjuta lil Hércules Club de Fútbol l-aċċess għal dokumenti relatati mal-proċedura ta' stħarriġ tal-ghajjnuna mill-Istat SA.363872.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Hércules Club de Fútbol, SAD hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(l) ĠU C 144, 8.5.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2019 — Printeos vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-201/17) (l)

[“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kompetizzjoni — Akkordji — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Multi — Sentenza li tannulla parżjalment id-deċiżjoni — Rimbors tal-ammont prinċipali tal-multa — Interessi moratorji — Ksur suffiċċientement serju ta' dispożizzjoni legali li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi — Rabta kawżali — Dannu — Artikolu 266 TFUE — It-tieni sentenza tal-Artikolu 90(4)(a) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012”]

(2019/C 122/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Printeos, SA (Alcalá de Henares, Spanja) (rappreżentanti: H. Brokelmann u P. Martínez-Lage Sobredo, avukati)